BirdLife MALTA

# Stqarrija

## Il-kaċċa tar-rebbiegħa 2026: L-għasafar li ma rnexxilhomx jaslu l-Ewropa

L-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa ta' din is-sena għal darb'oħra wassal għall-qtil illegali ta' diversi speċi protetti, hekk kif kaċċaturi approfittaw mill-passa tal-għasafar minn fuq Malta fi triqithom lejn l-Ewropa kontinentali waqt l-istaġun miftuħ tal-kaċċa għall-gamiem u s-summien.

Filwaqt li l-passa tar-rebbiegħa bdiet bil-mod, b'numri u diversità baxxi ta' speċi, l-inċidenti ta' kaċċa illegali żdiedu, speċjalment matul l-aħħar ġimgħa u nofs tal-istaġun, li għalaq fit-3 ta' Mejju. Mill-inqas 14-il għasfur instabu b'feriti kkonfermati minn tiri ta' senter, fosthom speċi protetti bħall-Ispanjulett, il-Bagħdan Aħmar, il-Gamiema (li nqatlet illegalment qabel ma nfetaħ l-istaġun għaliha), il-Qerd in-Naħal, ild-Daqquqa Kaħla, id-Daqquqa tat-Toppu, is-Swejda Ċara, l-Agrett Abjad, il-Gallozz tat-Tikek, u l-Gallozz Aħmar.

Fost il-vittmi ta' dan l-istaġun hemm ukoll Spanjulett rijabilitat li kien instab milqut minn tir f'Ottubru u li nħeles wara l-għeluq tal-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa, waqt attività pubblika fl-10 ta' Frar 2026. Minn dakinhar, l-għasfur tal-priża kien qed iqatta' x-xitwa fil-Miżieb, u kien hemm tama li seta' jbejjet f'dawn l-inħawi. Iżda t-tag tiegħu waqaf jitrasmetti minn fuq il-Miżieb fl-għodwa tat-22 ta' April 2026, minkejja li l-awtoritajiet u uffiċjali tal-federazzjoni tal-kaċċaturi kienu infurmati bil-preżenza ta' tajra tal-priża bit-tag fl-inħawi. Għasafar oħra li nstabu fil-Miżieb fl-aħħar ġimgħat jinkludu Spanjulett u Gallozz tat-Tikek milqutin minn tiri, it-tnejn sabuhom persuni li kienu mexjin fil-masġar assoċjat ma' attività ta' kaċċa.

Kif jiġri spiss waqt l-istaġuni tal-kaċċa tar-rebbiegħa, il-preżenza tal-infurzar titqies insuffiċjenti, bil-qtil ta' speċi protetti jkompli mingħajr ma ħadd jinduna. Dawn il-każijiet dokumentati huma biss indikazzjoni tal-iskala u l-intensità tal-qtil illegali, li huwa ffaċilitat minn diversi lakuni legali u regolatorji li jippermettu l-kollezzjoni privata ta' għasafar tal-passa protetti għal skop ta' ibbalzmar.

Dan kollu qed ikompli jseħħ bil-barka tal-applikazzjoni ta' deroga mid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar, li minkejja proċedura ta' ksur li għadha għaddejja, għadha ma wasslitx għal aktar azzjoni mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DG ENV) tal-Kummissjoni Ewropea.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**
Majority of hunters illegally target Turtle-doves during first week of spring season : BirdLife Malta
Tracking of rehabilitated birds shows strong potential for Malta – appeal launched over safety as hunting season opens : BirdLife Malta

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. 20.04.2026_Marsh Harrier_Mosta *(Bagħdan Aħmar)*
2. 26.04.2026_Wood Sandpiper_Wied is-Sewda *(Swejda Ċara)*
3. 26.04.2026_Hoopoe_Birżebbuġa *(Daqquqa tat-Toppu)*
4. 27.04.2026_Common Kestrel_Miżieb *(Spanjulett)*
5. 27.04.2026_Common Kestrel_Dwejra Gozo *(Spanjulett)*
6. 02.05.2026_Bee-eater_Qala Gozo *(Qerd in-Naħal)*

**Filmati:**
1. https://youtube.com/shorts/SHu5CPeKxpE?si=g1996F1fe_mTMEJN